PARLAMENT TA' MALTA

IT-TNAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 6549

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 355 tal-15 ta' Frar 2016 mill-iSpeaker, l-Onor Anġlu Farrugia.

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**OMB/1/2/P5**

15 ta' Frar 2016

L-Onor. Anġlu Farrugia
President tal-Kamra tad-Deputati
Parlament ta' Malta
Triq ir-Repubblika
Il-Belt Valletta

Sur President

Inħossni fid-dover li, bħala awtorità Kostituzzjonali u Uffiċjal ta' dan il-Parlament, nirreġistra d-diżapprovazzjoni u d-dispjaċir tiegħi għall-attakki inġusti u inġustifikati li saru u li qegħdin isiru kontra l-istituzzjoni minni rappreżentata f'sezzjoni tal-*media* u banda oħra. Attakki diretti mhux biss kontra l-persuna tiegħi imma ukoll kontra Kummissarju u impjegati li jagħtu servizz liċ-ċittadin fl-Uffiċċju tiegħi. Ninnota li attakki simili ġew diretti ukoll lejn l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali, awtorità oħra Kostituzzjonali u ukoll Uffiċċjal ta' dan il-Parlament.

Nitolbok twassal lill-Kamra s-segwenti:

i) Nemmen bis-sħiħ fid-dritt fundamentali tal-libertà tal-espressjoni u fl-istampa ħielsa. Naċċetta bla riservi li l-operat tiegħi hu u għandu jibqa' suġġett għall-iskrutinju kemm ta' din il-Kamra kif ukoll tal-opinjoni pubblika. Nilqa' kull kritika oġġettiva anke jekk ħarxa, sakemm din tkun ibbażata fuq il-fatti u magħmula in *bona fede*.

ii. Noġġezzjona però bil-qawwa għall-allegazzjonijiet ta' parzjalità, partiġġjaniżmu politiku, vendikazzjoni personali jew motivi oħra ulterjuri għax dawn jistgħu biss jimminaw l-awtorità tal-istituzzjoni minni rappreżentata u jtappnu l-proċess demokratiku fil-pajjiż. Jien nassumi responsabbiltà għall-Opinjonijiet Finali, ir-rapporti minni rilaxxati u t-tmexxija tal-Uffiċċju. Għandi

fiduċja sħiħa fil-lealtà, kompetenza, integrità u dedikazzjoni tal-Kummissarji, tal-uffiċjali u impjegati fl-Uffiċċju.

iii. Nassigura lill-Kamra illi, fidil għall-ġurament tal-ħatra, dejjem fittixt li naqdi l-funzjonijiet tiegħi skont l-aħjar ħila tiegħi bl-akbar indipendenza u imparzjalità.

Dan fl-interess taċ-ċittadin biex fil-limiti tiegħi, nkompli nassigura d-dritt tiegħu għall-amministrazzjoni pubblika tajba ibbażata fuq il-verità, t-trasparenza u l-kontabilità. Hekk ser inkompli nagħmel.

Inselli għalik

J Said Pullicino
Ombudsman Parlamentari

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 Fax: +356 2124 7924 Email: office@ombudsman.org.mt www.ombudsman.org.mt